

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-ħolqien ta' Tikketta Soċjali Ewropea" (opinjoni esploratorja)

(2013/C 76/04)

Relatur: **is-Sinjura RODERT**

Nhar it-3 ta' Lulju 2012, il-Parlament Ewropew talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jħejji Opinjoni esploratorja dwar

*Il-ħolqien ta' tikketta soċjali Ewropea.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-20 ta' Diċembru 2012.

Matul l-486 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Jannar 2013 (seduta tas-16 ta' Jannar 2013), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'128 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 9 astensjonijiet.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' l-oportunità li jesprimi ruħu dwar il-proposta tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew għal proġett pilota dwar tikketta soċjali Ewropea għall-2013. Però s-sitwazzjoni nbidlet minn meta ntalbet l-opinjoni 'l hawn, peress li t-test tal-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2012 ġie adottat mingħajr l-ebda referenza għal dan il-proġett pilota.

1.2 Fil-prinċipju, il-KESE jappoġġja l-idea li tissaħħa id-dimensjoni soċjali fl-Ewropa u jaqbel li tiġi rikonossuta u mħeġġa r-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR). Madankollu huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-responsabbiltà soċjali korporattiva fl-ebda każ m'għandha tissostitwixxi d-drittijiet soċjali garantiti mill-istrumenti legali jew internazzjonali, fejn id-djalogo soċjali jaqdi rwol ċentrali.

1.3 Bħala l-ewwel pass jeħtieġ għalhekk li jiġu ċċarati aħjar il-valur miżjud, l-iskedar u l-enfasi ta' din il-proposta fir-rigward tal-għanijiet politiċi tagħha. Dawn l-għanijiet huma importanti, però fiċ-ċirkostanzi attwali jistgħu jinkisbu b'mod aktar effettiv permezz ta' leġislazzjoni soċjali implimentata aħjar u aktar stretta.

1.4 Barra minn hekk, il-KESE jixtieq jistqarr li, għalkemm din l-inizjattiva hija importanti, il-proposta tista' tkun ikkumplikata wisq fi żmien meta l-Ewropa għaddejjja minn kriżi b'rata għolja ta' qgħad u numru dejjem jikber ta' fallimenti. Tikketta soċjali għall-finijiet ta' CSR tindika biss l-attivitatiet ta' intraprenditorija soċjali li huma volontarji, iżda dawn bejniethom ivarjaw minħabba d-differenzi fil-leġislazzjoni bejn l-Istati Membri, peress li l-leġislazzjoni Ewropea tipprevedi biss standards minimi. Ma jkunx ta' siwi li jiġu introdotti miżuri addizzjonali għall-intrapriżi peress li f'dan iż-żmien hemm ir-riskju li jitwessa' d-distakk bejn l-intrapriżi ta' daqs differenti u l-Istati Membri tal-UE minflok tissaħħa il-koeżjoni bejniethom.

1.5 Sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni, jeħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati l-inizjattivi paralleli bħal pereżempju t-tikkettar soċjali fil-qasam tal-intraprenditorija soċjali (is-suġġett tal-"Inizjattiva ta' Negozju Soċjali"). F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda li nistennew u nisiltu tagħlimiet mir-riżultati tal-eżerċizzju li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-inventarju tat-tikketti

soċjali fil-qasam tal-intraprenditorija soċjali. F'din il-proposta għandhom jiġu kkunsidrati wkoll inizjattivi oħra li jikkoinċidu bħal pereżempju l-premji l-ġodda tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku, eċċ.

1.6 Barra minn hekk, il-KESE jqis li jeħtieġ li tingħata evidenza aħjar tal-kredibbiltà, il-leġittimità u l-vijabbiltà ta' tikketta soċjali volontarja. It-trawwim ta' fiduċja u s-sensibilizzazzjoni fir-rigward ta' sistema ġdida ta' tikkettar fil-livell Ewropew jirrikjedu sistema komprensiva ta' akkreditazzjoni u ta' monitoraġġ, li r-rilevanza tagħha għandha titqabbel mal-benefiċċji ta' sistema addizzjonali ta' tikkettar. F'dan il-kuntest, qabel ma tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' tikketta soċjali Ewropea ġdida, il-KESE jirrakkomanda li jsir inventarju komprensiv tas-sistemi eżistenti ta' tikkettar fl-Istati Membri differenti, jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u jinsiltu tagħlimiet minn Prattiki li ma rnexxew. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda li jittejbu s-sistemi eżistenti ta' tikkettar u li dawn jibdwew ikopru wkoll ir-responsabbiltà soċjali (fejn dan għad mhux ikompli).

1.7 Jeħtieġ ukoll sensibilizzazzjoni dwar is-sistemi li diġà jeżistu u dwar l-intrapriżi li diġà jużawhom, filwaqt li intrapriżi oħra għandhom jittejjgu jużawhom minflok tinħoloq sistema addizzjonali fejn il-konsumaturi u l-intrapriżi jkollhom jiffamiljarizzaw ruħhom magħha. Barra minn hekk, l-azzjoni ta' komunikazzjoni Ewropea dwar it-tikketti Ewropej għandha tiġi kkunsidrata, tal-anqas fil-perjodu medju, għal finijiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi u ċ-ċittadini.

1.8 Madankollu, jekk f'xi punt tinwieda tikketta, bil-għan li jiġu evitati d-distorsjonijiet, it-tikketta soċjali Ewropea m'għandhiex titbiegħed wisq mill-istandardizzazzjonijiet rikonossuti internazzjonalment iżda għandha tinkludi aspett tipikament Ewropew: ir-rispett tad-drittijiet soċjali.

### 2. Daħla

2.1 Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew ippropona li jitnieda proġett pilota għal tikketta soċjali Ewropea fl-2013, imma t-test tal-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ewropew dwar il-proġetti pilota għall-2013 ġie adottat mingħajr l-ebda referenza għal din il-proposta f'Ottubru

2012<sup>(1)</sup>. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni ġdida, din l-Opinjoni ser tiffoka primarjament fuq li tagħti kontribut għall-proġett pilota propost.

2.2 L-idea li fuqha hija bbażata din il-proposta hija li jingħata kontribut għal Ewropa aktar soċjali fejn l-istandards minimi eżistenti fil-qasam soċjali u tal-liġi dwar l-impjieg jiġu nferzati b'mod aktar effettiv. L-għan hu li jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjieg, jiġi appoġġjat l-impjieg taż-żgħażaġh u jiġi miġġieled il-faqar permezz tal-introduzzjoni ta' skema ta' ċertifikazzjoni gradwali fil-forma ta' "tikketta soċjali Ewropea".

2.3 It-talba tal-Parlament Ewropew lill-KESE tikkonċerna b'mod partikolari (a) l-impatt u l-benefiċċji tat-tikketta fdiversi oqsma ta' politika; (b) it-tipi ta' intrapriżi li jistgħu jkunu interessati fuq bażi volontarja; (c) il-possibiltajiet li jeżistu għall-ħolqien ta' tikketta gradwali; (d) il-kriterji li għandhom jiġu rispettati biex tinkiseb it-tikketta kif ukoll (e) il-miżuri li għandhom jittieħdu għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku f'dan ir-rigward.

2.4 Il-proposta tal-Kumitat għall-Impjieg għal tikketta soċjali hija intiża li tkun volontarja u bla ħlas. Hija mmirata lejn l-intrapriżi kollha fl-UE, b'mod speċjali lejn l-SMEs<sup>(2)</sup> u l-mikro-intrapriżi<sup>(3)</sup>. L-għan hu li tinholq Ewropa b'responsabbiltà soċjali akbar billi jiġu garantiti standards soċjali għoljin fl-intrapriżi kollha tal-UE. Il-proposta għandha l-għan ukoll li tarmozzja s-sistemi ta' tikkettar eżistenti kif ukoll li tuża skala ta' klassifikazzjoni biex jiġu identifikati punti potenzjali ta' titjib. L-idea hi li tintuża lista ta' kriterji soċjali biex tiġi valutata r-responsabbiltà soċjali interna ta' kull intrapriża billi tingħatalha wieħed mid-diversi livelli tat-tikketta soċjali.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 Fil-fehma tal-KESE, l-isforzi għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali u tal-valuri soċjali fl-Ewropa huma importanti, iżda għandhom jiġu kkunsidrati **l-valur miżjud, l-iskeda u l-enfasi ta' dan il-proġett** kif ukoll tal-inizjattivi li diġà għaddejjin bħalissa foqasma relatati. Għaldaqstant il-KESE jixtieq li jkun hemm argummenti aktar ċari dwar il-valur miżjud provdut minn inizjattiva bħal din u għal min kif ukoll dwar il-kontribut għal-leġislazzjoni Ewropea.

3.2 Dan l-aħħar, il-KESE nnota fl-Opinjoni tiegħu dwar ir-*"Responsabbiltà Soċjali Korporattiva"*<sup>(4)</sup> li din tinvolvi approċċ marbut mal-iżvilupp sostenibbli. F'din l-Opinjoni l-KESE enfasizza l-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn *"ir-responsabbiltà soċjali"* (fil-post tax-xogħol biss) u *"r-responsabbiltà soċjetali"* (lil hinn mill-post tax-xogħol).

3.3 Abbażi ta' dawn id-definizzjonijiet, il-proposta tal-Kumitat għall-Impjieg għal tikketta soċjali tidher li tikkonċerna *"r-responsabbiltà soċjali"* u peress li tindirizza lill-intrapriżi kollha tal-UE għandha tiġi kkunsidrata l-ħidma li għaddejjin bħalissa tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-UE għar-responsabbiltà soċjali korporattiva 2011<sup>(5)</sup>, li diġà tkopri aspetti simili.

3.4 Jeħtieġ li jiġi enfasizzat, kif għamel il-KESE fil-passat, li r-responsabbiltà soċjali korporattiva **fl-ebda ċirkostanza m'għandha tintuża bħala sostitut għad-drittijiet soċjali garantiti bl-istrumenti legali jew internazzjonali** li huma r-responsabbiltà primarja tal-pajjiżi u l-gvernijiet. Barra minn hekk, ħafna intrapriżi jassumu aktar responsabbiltà volontarja u għalhekk huwa importanti li jiġi enfasizzat li t-tehdid ta' aktar responsabbiltà soċjali lil hinn mir-rekwiżiti statutorji għandu jiġi rikonoxxut u mħeġġeġ. Il-KESE jemmen li, flimkien mal-istrumenti legali, kull intrapriża għandha ssib il-mod ta' responsabbiltà soċjali tagħha. Tikketta għall-finijiet ta' CSR fiha r-riskju li tmexxi l-enfasi minn fuq l-innovazzjoni soċjali għal sforzi lejn konformità mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni.

3.5 L-idea ta' tikketta soċjali diġà kienet issemmiet preċeden-temment b'rabta mal-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-intrapriżi soċjali u l-KESE indirizza l-kwistjoni b'mod attiv f'bosta opinjonijiet<sup>(6)</sup>. Il-Komunikazzjoni *"Lejn Att dwar is-Suq Uniku"*<sup>(7)</sup> tirreferi għal tikketta soċjali b'rabta mal-intraprenditorija soċjali u n-negozju soċjali. Din imbagħad ġiet segwita minn azzjoni ewlenija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *"Inizjattiva għan-negozju soċjali"*<sup>(8)</sup> li għandha l-għan li ttejjeb l-opportunitajiet tal-intrapriżi soċjali li joperaw, jikkompetu u jikbru fl-istess kundizzjonijiet bħal intrapriżi oħra. Waħda mill-proposti f'din l-inizjattiva kienet il-ħolqien ta' bażi tad-data pubblika ta' tikketti u ċertifikazzjonijiet bil-għan li jitjeb il-fehim fost il-partijiet interessati u jkunu jistgħu jiqabblu l-forom differenti ta' tikketti ta' intrapriżi soċjali fl-UE. Barra minn hekk, fil-futur qarib, il-Kummissjoni beħsiebha tnedi studju dwar l-intrapriżi soċjali, li jelenka fejn jeżistu intrapriżi soċjali u x'forma għandhom, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi, ir-regoli u l-mudelli applikabbli għal dawn it-tipi ta' intrapriżi.

3.6 Il-KESE jqis li **l-inventorju futur tal-intrapriżi soċjali, kif previst fil-qafas tal-inizjattiva għall-intraprenditorija soċjali, għandu jsir b'mod separat u qabel** ma titwettaq il-ħidma għal definizzjoni usa' tat-tikketti soċjali tal-intrapriżi. Fil-fehma tal-KESE din il-ħidma kontinwa għandha titlesta qabel ma tiġi kkunsidrata sistema ta' tikkettar usa' peress li l-inventorju tas-sistemi ta' tikkettar eżistenti tal-intrapriżi soċjali jista' jagħti kontribut utli għall-possibiltajiet u l-benefiċċji ta' sistema usa'. Barra minn hekk, inizjattivi relatati oħra, bħal pereżempju l-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist, il-premji ġodda tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u pjattaformi tas-settur fil-qasam tat-tikkettar tal-intrapriżi soċjali għandu jkollhom iż-żmien li jimmaturow qabel ma jitnedew azzjonijiet oħra.

<sup>(1)</sup> Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ewropew, 4 ta' Ottubru 2012.

<sup>(2)</sup> Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

<sup>(3)</sup> VSE (Very Small Enterprises).

<sup>(4)</sup> ĠU C 229, 31.7.2012, p. 77.

<sup>(5)</sup> COM(2011) 681 final.

<sup>(6)</sup> ĠU C 24, 28.1.2012, p. 1 u ĠU C 229, 31.7.2012, p. 44.

<sup>(7)</sup> COM(2010) 608 final.

<sup>(8)</sup> COM(2011) 682 final.

3.7 Il-KESE jenfasizza li għandha ssir distinzjoni ċara bejn il-proposta tal-Kumitat għall-Impjeg (relatata mar-responsabbiltà soċjali tal-intrapriżi) u l-inizjattiva għan-negozju soċjali peress li għandhom objettivi differenti u għalhekk iridu jiġu trattati b'modi differenti. Għaldaqstant, il-KESE jħeġġeġ lill-Kumitat għall-Impjeg biex jikkunsidra l-użu ta' terminu differenti fil-proposta tiegħu, sabiex tiġi evitata **kwalunkwe konfużjoni addizzjonali fit-terminoloġija**. Dan is-suġġeriment jingħata aktar importanza minħabba l-fatt li jeżistu atturi fil-qasam tal-intrapriżi soċjali, li diġà huma ċertifikati u jużaw tali terminu bħala tikketta tal-intrapriżi soċjali bħal fil-każ tas-“Social Enterprise Mark”<sup>(9)</sup>.

#### 4. Kummenti speċifiċi dwar il-mistoqsijiet li saru mill-Kumitat għall-Impjeg

4.1 L-għan tal-proposta għal proġett pilota dwar tikketta soċjali huwa li l-intrapriżi jitħeġġu jmorru lil hinn mill-obbligi statutorji tagħhom huma u jimpenjaw ruħhom biex ikunu aktar soċjalment responsabbli. Din l-inizjattiva hija importanti ħafna, però ta' min jistaqsi jekk tikketta soċjali Ewropea, f'din il-klima ekonomika, hijiex miżura wisq ikkumplikata meta mqabbla mal-valur miżjud tagħha. L-għanijiet politiċi tal-proposta huma t-tisħiħ tal-ħolqien tal-impjegji u l-impjeg taż-żgħażaġh u l-għieda kontra l-faqar. Dawn l-oqsma kollha huma ta' importanza ewlenija għall-Ewropa, iżda l-KESE jemmen li r-rabta bejniethom u tikketta soċjali volontarja huma dgħajfa wisq biex ikunu effettivi. Il-KESE huwa pjuttost tal-opinjoni li dawn l-għanijiet ser jinkisbu b'mod aktar effettiv billi tissaħaħ u tiġi infurzata aħjar il-leġislazzjoni f'dan il-qasam u billi jiġġedded u jissaħaħ il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam soċjali.

4.2 Il-KESE jqis li huwa importanti wkoll li jiġi nnutat li l-proposti f'dan ir-rigward għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju li intrapriżi b'saħħithom u kompetittivi jaqdu rwol ċentrali fit-tkabbir ekonomiku u b'hekk joħlqu kundizzjonijiet sostenibbli għal standards soċjali aħjar.

4.3 Il-proposta tippredvi wkoll sistema ta' evalwazzjoni gradwali u progressiva abbażi ta' kemm intrapriża tirrispetta sensjela ta' kriterji soċjali bħal pagi deċenti, sigurtà soċjali, kura tas-saħħa, ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, kura tat-tfal, teleworking, eċċ. Fid-dawl tal-kriżi ekonomika li għaddejmin minnha bħalissa u d-diffikultajiet kbar li qed jiffaċċjaw xi pajjiżi, il-KESE jinsab imħasseb li bħalissa hemm ir-riskju li sistema ta' evalwazzjoni progressiva bħal din **tkabbar id-differenzi aktar milli żżid il-koeżjoni bejn intrapriżi ta' daqsijiet differenti u l-pajjiżi tal-UE**. Sistema ta' evalwazzjoni progressiva mhijiex adatta, sakemm ma titfassalx b'tali mod li tkun adatta għal kumpaniji multinazzjonali kbar iżda wkoll, u b'mod partikolari, għall-SMEs u l-mikrointrapriżi.

4.4 Barra minn hekk, tikketta tkun utli biss jekk tkun magħrufa u rikonoxxuta. L-SMEs u l-mikrointrapriżi li għandhom tikketta għalhekk għandhom ikunu s-suġġett ta' kampanji ta' komunikazzjoni li jenfasizzaw l-impenni tagħhom. Dak li

huwa kkunsidrat bħala progress soċjali għandu jiġi diskuss fid-dettall b'referenza għas-sussidjarjetà f'dan il-qasam u anke b'referenza għat-tradizzjonijiet u mudelli differenti tas-sistemi nazzjonali tal-benesseri u tas-sigurtà soċjali. Dan id-djalogu għandu jsir mal-imsieħba soċjali u atturi oħra bħall-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali.

4.5 Fil-qafas tal-isforzi tal-UE biex tiffaċilita t-tnedija u l-geštjoni ta' intrapriżi ġew introdotti għadd konsiderevoli ta' miżuri ta' semplifikazzjoni u ta' miżuri biex jiġi promoss it-tkabbir bil-għan li ma jiddgħajfux ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, id-drittijiet soċjali tal-ħaddiema, il-potenzjal ta' tkabbir tal-intrapriżi u l-kompetittività tagħhom. Għalkemm għad fadal ħafna xi jsir fil-qasam tad-drittijiet, il-KESE jiddubita kemm sistema volontarja ser tkun effettiva biex ittejjeb ir-responsabbiltà soċjali. Barra minn hekk, il-KESE jinnota li, anke jekk tkun bla ħlas, sistema ta' tikkettar tirrikjedi riżorsi li jistgħu jintużaw aħjar minn intrapriżi li diġà jinsabu taħt pressjoni fi żminijiet ta' kriżi.

4.6 Bħala parti mill-isforzi ta' titjib tar-responsabbiltà soċjali jeħtieġ ukoll li jiġi evalwat f'kemm-il settur l-intrapriżi huma responsabbli għad-drittijiet soċjali, pereżempju fir-rigward ta' kooperazzjoni ma' fornituri li jinsabu f'pajjiżi terzi. B'nuqqas ta' ċarezza fir-rigward ta' din ir-responsabbiltà ma tista' tinkiseb l-ebda fiduċja fit-tikketta. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-impatt possibbli fuq il-kummerċ u l-importaturi.

4.7 Ta' min jistaqsi wkoll dwar il-leġittimità ta' kwalunkwe tikketta standardizzata. Mill-esperjenza preċedenti jidher li b'mod ġenerali inizjattivi ta' dan it-tip, minn fuq għal isfel u aktar vinklollanti, f'it li xejn għandhom impatt fuq l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur jew partijiet interessati oħra, li huwa prerekwiżit biex it-tikketta tkun effettiva. B'rabta ma' dan, il-Fair Trade<sup>(10)</sup> huwa eżempju tajjeb ta' kif is-settur tal-konsumatur stess jieħu l-inizjattiva biex jintroduċi tikketta u għandu jitqies bħala linja gwida. Anke l-eżempji ta' sistemi ta' tikkettar li ma ħadmux tajjeb għandhom jiġu analizzati faktar dettall<sup>(11)</sup>.

4.8 Huwa importanti li jiġi kkunsidrat kif tista' titrawwem fiduċja f'tikketta ġdida. Mill-perspettiva tal-konsumaturi, is-sitwazzjoni attwali diġà toħloq konfużjoni: jeżistu bosta sistemi ta' tikkettar, u ħafna minnhom huma diffiċli biex jinfehem u huwa impossibbli li wieħed jibqa' aġġornat. Jista' jkun esaġerat li tiżdied sistema ġdida oħra u li wieħed jistenna li l-konsumatur jagħmel deċizzjonijiet infurmati. Minflok tikketta soċjali ġdida, ta' min tiġi kkunsidrata l-estensjoni tas-sistemi eżistenti ta' tikkettar li jkopru r-responsabbiltà soċjali (fejn dan għad mhuwiex il-każ). L-istess jgħodd għall-possibbiltà li t-tikketta żżid il-fiduċja tal-investituri. Il-Kummissjoni ser tuża pereżempju inizjattivi fil-qasam tal-investimenti soċjali biex tistabbilixxi linji gwida dwar ir-rappurtar tar-riżultati soċjali ta' dawn l-attivitajiet; il-KESE enfasisza li dan l-approċċ huwa essenzjali fir-rigward tal-investment fl-intrapriżi soċjali<sup>(12)</sup> u jeħtieġ li jiġi adottat ukoll fil-qafas ta' din l-inizjattiva.

<sup>(10)</sup> <http://www.fairtrade.net>

<sup>(11)</sup> Pereżempju t-tikketta soċjali Belġjana u t-tikketta soċjali u ekoloġika Franċiża.

<sup>(12)</sup> ĠU C 229, 31.7.2012, p. 55.

<sup>(9)</sup> <http://www.socialenterprisemark.org.uk>

4.9 Għandha tingħata attenzjoni wkoll lid-diffikultajiet marbuta mal-ħolqien ta' sistema kumplessa fil-livell Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti soċjali, tekniċi u prattiċi. Diġà jeżistu diversi sistemi ta' ċertifikazzjoni għal tipi differenti ta' tikketti soċjali u l-biċċa kbira tagħhom teġbu l-viżibbiltà u l-importanza tal-kwistjonijiet soċjali fi ħdan l-intrapriżi<sup>(13)</sup>. B'rabta mal-proposta tal-Kumitat għall-Impjiegi għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ISO 26000<sup>(14)</sup> li jkopri l-maġġoranza tal-kriterji inklużi fil-proposta u li ħafna intrapriżi diġà ġew iċċertifikati skont dan l-istandard. Hemm għadd ta' standards internazzjonali oħra li diġà huma stabbiliti<sup>(15)</sup>. Għaldaqstant il-proġett pilota għandu jevalwa jekk huwiex utli li tinħoloq sistema ġdida ta' tikkettar u jekk ikunx aħjar li jkun hemm sensibilizzazzjoni aktar mifruxa dwar is-sistema attwali, li l-intrapriżi jitħeġġu jużawha u li dawn is-sistemi jissaħħu, pereżempju permezz ta' indikaturi ta' titjib.

4.10 Bil-għan li jiġu evitati d-distorsjonijiet, tikketta soċjali Ewropea m'għandhiex titbiegħed wisq mill-istandardizzazzjonijiet rikonoxxuti internazzjonalment iżda għandha tinkludi aspett tipikament Ewropew: ir-rispett tad-drittijiet soċjali.

4.11 Ħafna mill-kriterji proposti għat-tikketta soċjali huma koperti mid-djalogu soċjali, mill-oqsma ta' negozjar li fi ħdanu l-imsieħba soċjali jieħdu d-deċizzjonijiet jew mil-leġislażzjonijiet nazzjonali fis-seħħ. Dan ifisser li klassifikazzjoni ta' dawn il-kriterji mhijiex adatta. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-djalogu soċjali ppromova wkoll il-prattika tajba u żviluppa linji gwida fil-qasam, peress li r-responsabbiltà soċjali korporattiva tikkontribwixxi u tikkompleta d-djalogu soċjali.

4.12 Il-ħolqien ta' lista ta' kriterji soċjali li jkunu adatti għat-tipi kollha ta' intrapriżi, għas-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali huwa komputu kumpless u ta' sfida. Bħalissa hemm varjetà kbira ta' sistemi u tradizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw dawn il-benefiċċji soċjali apparti l-leġislażzjonijiet komunitarji, pereżempju s-sistemi ta' kura tat-tfal, ta' leave tal-ġenituri, il-kura tas-saħħa, il-paga minima, eċċ. Għalhekk il-proġett

pilota għandu jikkunsidra l-kwistjonijiet relatati mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kriterji proposti sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-vijabbiltà tat-tikketta.

4.13 Sabiex titrawwem fiduċja fit-tikketta ser ikun hemm bżonn sensibilizzazzjoni fost l-intrapriżi, l-investituri u l-konsumaturi kif ukoll sistema effettiva għall-monitoraġġ. Tikketta hija stampa li tagħti informazzjoni mad-daqqa ta' għajn dwar kemm l-intrapriża tkun irrispettat il-kriterji fil-mument meta tkun ressqet l-applikazzjoni. Mingħajr korp indipendenti responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-iskedar tat-tikketta, mhuwiex possibbli li tinħoloq il-fiduċja mixtieqa jew jinkiseb il-progress soċjali. F'dan ir-rigward għandhom jiġu kkunsidrati r-riskju ta' abbuż u ta' irregolaritajiet u l-proċedura tal-esklużjoni tal-intrapriżi. L-iżvilupp ta' proċedura adatta ta' monitoraġġ jirrikjedi riżorsi u burokrazija. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu analizzati l-vantaġġi tal-valur miżjud soċjali mistenni meta mqabbla maż-żieda fil-burokrazija u l-kumplessità.

4.14 Il-KESE jistaqsi jekk huwiex raġonevoli li tiġi stabbilita sistema ġdida ta' tikkettar li tkopri s-setturi u l-Istati Membri kollha tal-Ewropa. Jeżistu differenzi konsiderevoli bejn l-intrapriżi f'termini tal-kapaċità tagħhom li jiksibu l-miri proposti u ma hemm l-ebda mod kif il-korp ta' valutazzjoni jitfassal b'tali mod li jkun ġust magħhom kollha. Għalhekk, il-KESE jitlob li tiġi stabbilita taqsima tar-responsabbiltà soċjali korporattiva usa' fejn it-tikketta tikkonċerna l-attivitajiet u l-proċessi differenti pjuttost milli l-intrapriżi nnifishom.

4.15 Il-KESE jenfasizza li l-grupp immirat tat-tikketta għandu jkun involut fit-tfassil tagħha jekk jiġi implimentat il-proġett pilota f'dan il-qasam. Ikun utli li jsir studju li jikkjarifika xi elementi ewlenin tat-tikketta soċjali bħall-monitoraġġ, il-perjodu ta' validità, l-irtirar tat-tikketta, l-intervalli tal-valutazzjoni, l-indikaturi ta' titjib, eċċ. Il-proġett pilota għandu jkollu l-għan ukoll li jiddetermina jekk tikketta soċjali Ewropea hix vijabbli u utli għall-ksib tar-riżultati mixtieqa.

Brussell, 16 ta' Jannar 2013.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(13)</sup> Pereżempju Global Compact, EMAS, Business Social Compliance Initiative, Global Reporting.

<sup>(14)</sup> <http://www.iso.org/iso/home/standards/iso26000.htm>

<sup>(15)</sup> Il-Linji Gwida tal-OECD għall-intrapriżi multinazzjonali, id-Dikjarazzjoni tripartitika tal-ILO, Global Compact tan-Nazzjonijiet Uniti.